MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 19/2010

**HSBC Bank Malta plc (C3177).**

**vs.**

**MAXKIM Limited (C-19754) flimkien ma’ Emanuel Ciantar (50764M) u martu Maria Diana Ciantar (7770M).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta’ HSBC Bank Malta p.l.c. datat 11 ta’ Jannar 2010 a fol. 1 tal-process fejn l-Avukat Dottor Daphne Dodebier esponiet:-

Illi hi tokkupa hatra ta’ ufficjal tal-bank attur fl-ufficcju legali tal-istess Bank u ghalhekk dawn il-fatti li hi sejra tistqarr hi tafhom jew personalment jew inkella minn dokumenti tal-istess bank li hi ghandha access ghalihom. Hi tiddikjara

wkoll li hi awtorizzata mill-imsemmi Bank sabiex taghmel din id-dikjarazzjoni ghan-nom tieghu.

***L-Oggett tal-Kawza***

Din il-kawza qieghda ssir sabiex jigi rkuprat kreditu iktar l-isfel spjegat illi l-Bank attur ghandu kontra s-socjeta` Maxkim Limited bhala debitur principali u kontra l-konvenuti Emmanuel u Maria Diane konjugi Ciantar bhala garanti solidali.

Il-kreditu jirrizulta minn facilita` bankarja tat-tip *overdraft* li kienet giet koncessa mill-bank attur lis-socjeta` konvenuta permezz ta’ *sanction letter* tal-5 t' Awwissu 2008, (Dokument “A”), illi in forza taghha l-Bank kien ikkonceda tali facilita` bankarja sas-somma ta’ sittin elf ewro (€60,000).

Illi in forza ta’ skrittura ta’ fideussjoni datata it-28 ta’ April 2009, hawn ezibita u markata bhala dokument “B”, il-konvenuti Emmanuel u Maria Diane Konjugi Ciantar accettaw illi jidhlu bhala garanti solidali mad-debitur principali Maxkim Limited sabiex huma *in solidum* bejniethom u mal-istess socjeta` jiggarantixxu l-adempiment puntwali tal-obbligazzjonijiet assunti mid-debitur principali attinenti ghall-ghoti tal-imsemmija facilita` u kull facilita` bankarja ohra.

Illi id-debitur principali ma qaghadx ghall-kondizzjonijiet ta’ din il-facilita`, li kienet inghatat bil-kondizzjoni li din kienet minn dejjem ripagabbli lura fuq talba semplici bil-miktub, liema talba fil-fatt saret permezz ta’ ittra ta’ *call in* tas-17 ta’ Dicembru 2009 (Dokument “C”).

Illi d-debitu dovut mill-konvenuti *in solidum* lejn il-bank fuq din il-facilita` ta` *overdraft* huwa ta’ sittin elf hames mija u hamsa u ghoxrin ewro u disa’ centezmi (€60,525.09) bl-imghax kummercjali mis-7 ta' Jannar 2010 sal-effettiv hlas skont kif jirrizulta mill-prospett mmarkat bhala Dokument "D".

***Ir Ragjuni Ghat-Talba***

It-talbiet infraskritti qeghdin isiru ghaliex id-debitu hawn fuq deskritt bl-imghaxijiet kummercjali baqa' ma thallasx, minkejja l-intimazzjoni fuq imsemmija. Ghalhekk l-istess bank attur ghandu nteress jazzjona lis-socjeta` konvenuta u l-garanti tal-istess debitu ghall-hlas tal-istess.

***It-Talbiet***

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi il-konvenuti kollha *in solidum* huma debituri tal-bank attur fuq din il-facilita` ta' *overdraft* fl-ammont ta' sittin elf hames mija u hamsa u ghoxrin ewro u disa' centezmi (€60,525.09) bl-imghax kummercjali mis-7 ta' Jannar 2010 sal-effettiv hlas.

2. Tikkundannahom sabiex ihallsu s-somma fuq imsemmija bl-imghax imsemmi sal-effettiv hlas; bl-ispejjez kontra taghhom filwaqt li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa 17 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Marzu 2010.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha datata 16 ta' Frar 2010 a fol. 24 tal-process fejn Emmanuel Ciantar (ID 50764 M) eccepixxa:-

Fl-ewwel lok l-eccezzjonijiet:

1. Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-arrangamenti illi kien hemm mal-Bank ma kienux dawk illi hemm imnizzla fir-rikors guramentat imma kienu ohrajn.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u x-xhieda tal-konvenuti a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. datata 15 ta’ Marzu 2010 a fol 27 tal-process li permezz taghha qed tirreduci t-talba taghha bl-ammont ta’ elf, erba’ mija u tlieta u disghin ewro u tlieta u disghin centezmi (€1,493.93) liema ammont gie mhallas fi tliet pagamenti fit-2 ta’ Frar 2010, 27 ta’ Frar 2010 u l-1 ta’ Marzu 2010 u liema pagamenti gew l-ewwel approprjati ghal imghaxijiet akkumulati u mbaghad tnaqqsu mis-*sorte* u ghalhekk is-*sorte* ghandu jigi ridott ghal disgha u hamsin elf, seba’ mija u sebgha u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€59,737.83) filwaqt li l-imghaxijiet legali akkumulati jammontaw ghal mija u hamsa u tmenin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€185.85) mill-1 ta’ Marzu 2010 sal-15 ta’ Marzu 2010 kif spjegat ahjar fil-prospett immarkat Dokument “HSBC 1”.

Rat in-nota tas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. datata 12 ta’ Mejju 2010 a fol 30 tal-process li permezz taghha qed tirreduci t-talba taghha bl-ammont ta’ elfejn ewro (€2,000.00) liema ammont gie imhallas f’ zewg pagamenti ta’ elf ewro-il wiehed, l-ewwel pagament sar fis-6 ta’ April 2010 u l-iehor sar fil-5 ta' Mejju 2010 u liema pagamenti gew l-ewwel approprjati ghal imghaxijiet akkumulati u mbaghad il-bilanc tnaqqas mis-*sorte* u ghalhekk is-*sorte* ghandu jigi ridott ghal tmienja u hamsin elf, hames mija u sebgha u disghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€58,597.34) filwaqt li l-imghaxijiet legali akkumulati jammontaw ghal mija u disgha u sittin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€169.28) mill-5 ta’ Mejju 2010 sat-18 ta’ Mejju 2010 kif spjegat ahjar fil-prospett immarkat Dokument “HSBC2.”

Rat il-verbali tas-seduti kollha fejn fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2010 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Daphne Dodebier ghas-socjeta` attrici li pprezentat nota ta’ riduzzjoni ohra. L-intimati u d-difensuri taghhom imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti tinnota li mis-16 ta’ Marzu 2010 il-konvenuti ma pproducew l-ebda xhieda,

u b’ hekk iddikjarat il-provi maghluqa. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Ottubru 2010.

Rat in-nota tas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezentata fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2010 li biha irreduciet t-talba taghha bl-ammont ta’ tliet elef ewro (€3,000.00) liema ammont gie mhallas fi tliet pagamenti ta’ elf ewro-il wiehed, li saru fil-15 ta’ Gunju 2010, fit-18 ta’ Awwissu 2010 u fit-13 ta’ Settembru 2010 u liema pagamenti gew l-ewwel approprjati ghal imghaxijiet akkumulati u mbaghad il-bilanc tnaqqas mis-*sorte* u ghalhekk is-*sorte* ghandu jigi ridott ghal sebgha u hamsin elf, mitejn tnejn u disghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€57,292.85) filwaqt li l-imghaxijiet legali akkumulati jammontaw ghal mitejn u tmenin ewro u ghaxar centezmi (€280.10) sal-5 ta’ Ottubru 2010 kif jirrizulta mill-prospett immarkat Dokument “HSBC 3”.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li s-socjeta’ attrici qed tippretendi li ghandha kreditu kontra s-socjeta’ konvenuta bhala debitur principali rapprezentanti ammont, kif sussegwentement ridott, fuq facilita’ ta’ *overdraft* li l-Bank attur kien avvanza lill-istess bl-intimati l-ohra bhala gararanti solidali, liema ammont sal-5 ta’ Ottubru 2010 (fol. 28) kien jammonta ghal sebgha u hamsin elf, mitejn tnejn u disghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€57,292.85) filwaqt li l-imghaxijiet legali akkumulati jammontaw ghal mitejn u tmenin ewro u ghaxar centezmi (€280.10) sal-5 ta’ Ottubru 2010 kif jirrizulta mill-prospett immarkat Dokument “HSBC 3”.

Illi fil-fatt l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati permezz tas-*sanction letter* datata 5 ta' Awissu 2008 (Dok. "A") li l-kondizzjonijiet taghha gew accettati mill-istess socjeta' konvenuta kif jidher a fol. 7 tal-process; l-istess kif jirrizulta li l-intimati l-ohra, l-konjugi Emmanuel u Maria Diane Ciantar accettaw u obbligaw ruhhom bhala garanti solidali tal-istess skont skrittura ta' fideiussjoni datat 8 ta' April 2009 (Dok. "B" – fol. 12).

Illi jirrizulta li s-socjeta' intimata giet interpellata thallas l-ammonti dovuti kollha skont l-ittra datata 17 ta' Dicembru 2009 (Dok. "C") skont komputazzjoni (Dok. "D"), izda l-istess socjeta' baqghet indempjenti u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati; fil-mori pero' jirrizulta li saru xi pagamenti, tant li gew prezentati noti ta' riduzzjoni, l-ahhar wahda datata 5 ta' Ottubru 2010 (fol. 38) fejn l-ammont rikjest gie ridott ghal sebgha u hamsin elf, mitejn tnejn u disghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€57,292.85) filwaqt li l-imghaxijiet legali akkumulati jammontaw ghal mitejn u tmenin ewro u ghaxar centezmi (€280.10) sal-5 ta' Ottubru 2010 kif jirrizulta mill-prospett immarkat Dokument "HSBC 3".

Illi minn naha l-ohra l-intimati ma gabu l-ebda provi sabiex isostnu l-eccezzjonijiet taghhom u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u qed jigu milqugha fl-ammont ridott hawn fuq indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati kontenuti fir-risposta guramentata taghhom datata 16 ta' Frar 2010, **tilqa' t-talbiet attrici kif ridotti** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi l-konvenuti kollha *in solidum* huma debituri tal-bank attur fuq din il-facilita` ta' *overdraft* fl-ammont ta' sebgha u hamsin elf, mitejn tnejn u disghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€57,292.85) bl-imghaxijiet legali ta' mitejn u tmenin ewro u ghaxar centezmi (€280.10) sal-5 ta' Ottubru 2010 kif jirrizulta mill-prospett immarkat Dokument "HSBC 3".

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma fuq imsemmija bl-imghax imsemmi, u bl-imghax ulterjuri mis-6 ta’ Ottubru 2010 sal-effettiv hlas.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------